# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 652/01mm**

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Beverley Sciberras**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' hames mija u disgha u tmenin lira Maltin (Lm589.00) inkwantu ghas-somma ta' hames mija u disgha u erbghin lira Maltin (Lm549.00) import ta' hdax-il kambjali li kopja taghhom annessi u immarkati Dokumenti 1 sa' 11, li d-data ta' maturita' taghhom skadiet, u

inkwantu ghas-somma ta' erbghin lira (Lm40.00), bhala imghax legali dovuti fuq din is-somma mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-10 ta' Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra konvenuta.